**29 ta' Settembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Gino Camilleri LL.D.**

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

*versus*

Nazzareno *sive* Ronnie Fava *pro et noe*

**Titolu Esekuttiv - Ittra Uffiċjali - Disposizzjonijiet Transitorji**

*Minħabba l-emendi li saru permezz tal-provvedimenti ta' l-Att XXIV ta' l-1995, l-applikabilità tal-perijodu ta' ħames snin għat-titoli esekuttivi daħal fis-seħħ immedjatament meta d-disposizzjonijiet transitorji ta' l-istess liġi daħlu fis-seħħ.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Nazzareno *sive* Ronnie Fava *proprio et nomine* wara li ppremetta illi huwa għadu kif ġie nnotifikat bil-mandat ta' qbid fl-ismijiet fuq premessi; illi l-esponent kien ġie nnotifikat b'ittra uffiċjali fis-6 ta' Jannar, 1993 kif jirriżulta mir-riferta relattiva, permezz ta' liema ittra uffiċjali l-kreditu li allegatament huwa dovut lid-Direttur tas-Siġurtà Soċjali ġie reż titolu esekuttiv; illi peress li meta kienet ippreżentata din l-ittra uffiċjali kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ l-emendi tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ta' l-1995; illi għalhekk meta nħareġ il-Mandat fl-ismijiet fuq premessi huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, talab għalhekk li din il-Qorti tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat għall-mandat fl-ismijiet fuq premessi prevja d-dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-istess mandat u dana taħt dawk il-provvedienti li huma xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali fejn ġie sottomess illi t-talbiet ikkontenuti fir-rikors fuq imsemmi huma inammissibbli u bla ebda ħjiel ta' bażi ġuridika;

*Omissis*;

Konsegwentement l-esponent jitlob li din il-Qorti jogħġobha tirrespinġi kull talba kkontenuta fir-rikors fuq imsemmi;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' April, 1997;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti qed jitlob li l-mandat ta' qbid esekuttiv in kwistjoni jiġi ddikjarat null stante illi sar in konsegwenza ta' ittra uffiċjali li skond il-liġi m'għadx għandha l-forza ta' titolu esekuttiv;

F'dan ir-rigward ir-rikorrenti qed isostni illi l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar, 1993 mibgħuta lilu mill-intimat Direttur tas-Sigurtà Soċjali m'għadx għandha l-forza ta' titolu esekuttiv stante li għadda t-terminu preskritt mil-liġi;

Bl-imsemmija ittra uffiċjali r-rikorrenti ġie interpellat iħallas is-somma in kwistjoni a tenur tal-provvedimenti ta' l-Att X ta' l-1987. Skond il-provvedimenti ta' dan l-att tali ittra uffiċjali għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv għall-finijiet tal-provvedimenti relattivi tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu XII). Għalhekk il-provvedimenti ta' l-imsemmi Kapitoluu XII japplikaw għar-rigward ta' l-imsemmi Att ta' l-1987 għal dak li jirrigwarda l-forza ta' titolu esekuttiv ta' ittra uffiċjali mibgħuta skond l-imsemmi Att;

L-artikolu 258 tal-Kap. 12, liema artikolu għalhekk hu

applikabbli għall-ittra uffiċjali in kwistjoni, jipprovdi illi wara l-għeluq ta' ħames (5) snin minn dakinhar li fih it-titolu esekuttiv *seta' ġie esegwit l-esekuzzjoni tista'* ssir *biss* wara talba magħmula lill-Qorti kompetenti;

Qabel ma saru emendi reċenti f'dan l-artikolu, it-terminu applikabbli kien ta' tliet (3) snin u mhux ta' ħames (5) snin kif inhu illum. Ir-rikorrenti għalhekk qed isostni li meta saret l-ittra uffiċjali in kwistjoni (6 ta' Jannar, 1993) it-terminu li setgħet *tiġi* esegwita *l-ittra uffiċjali kien ta' tliet snin. Il-mandat in* kwistjoni sar f'Diċembru ta' l-1996 għalhekk wara li skada dan it-terminu. In vista ta' l-imsemmija emendi fil-liġi issa, però t-terminu li fih tista' tiġi esegwita ittra ufiċjali bħal dik in kwistjoni mingħajr qabel ma tiġi ottjenuta l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti hu ta' ħames (5) snin. Għalhekk jekk jittieħed dan it-terminu (ta' ħames snin) il-mandat in kwistjoni nħareġ validament u skond il-liġi;

L-imsemmija emendi saru in forza tal-provvedimenti ta' l-Att XXIV ta' l-1995. L-artikolu 362 ta' dan l-Att jittratta d-disposizzjonijiet transitorji. In vista tal-provvedimenti ta' dan l-artikolu u in vista tal-prinċipji ġenerali li huma applikabbli għall-każ ma hemmx dubbju illi l-emendi riportati bl-imsemmi Att ta' l-1995 għandhom ikollhom applikabilità immedjata minn meta jkunu effettivi. Għalhekk ma hemmx dubbju illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni setgħet tiġi esegwita mingħajr il-bżonn ta' awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti skond it-terminu pprovdut bl-emendi l-ġodda;

In vista ta' dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jiġu akkolti;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet rikorrenti;

Spejjeż kontra r-rikorrenti.